**Applikazzjoni Ġdida**

# *Allowance* tat-Tfal

Għall-perjodu mis-7 ta' Jannar 2017 sal-5 ta' Jannar 2018

38, Triq l-Ordinanza, Valletta, VLT 2000
Imejl: social.security@gov.mt
Websajt: www.socialsecurity.gov.mt
*Freephone* 153

SIGURTÀ SOĊJALI

** Tindika Informazzjoni Mandatorja*

*L-Applikazzjoni waslet f'dan l-uffiċċju* _ _ / _ _ / _ _ _ _

## Dettalji tal-Ġenituri

**Kap tal-Familja**

Nru tal-Karta tal-Identità: * ____________________ Nazzjonalità: * ____________________

Isem: * ____________________ Nru tal-Mowbajl: ____________________

Kunjom: * ____________________ Imejl: ____________________

Stat Ċivili:*

- ☐ Miżżewweġ / Miżżewġa
- ☐ Armel / Armla
- ☐ Ġuvni / Xebba
- ☐ Separat/a
- ☐ Divorzjat/a
- ☐ Unjoni Ċivili
- ☐ Koabitazzjoni

**Konjuġi / Sieħeb / Sieħba**

*Id-dettalji mitluba huma dawk tal-persuna l-oħra li tifforma parti mill-familja*

Nru tal-Karta tal-Identità: ____________________ Nazzjonalità: ____________________

Isem: ____________________ Nru tal-Mowbajl: ____________________

Kunjom: ____________________ Imejl: ____________________

Stat Ċivili:

- ☐ Miżżewweġ / Miżżewġa
- ☐ Armel / Armla
- ☐ Ġuvni / Xebba
- ☐ Separat/a
- ☐ Divorzjat/a
- ☐ Unjoni Ċivili
- ☐ Koabitazzjoni

**Dettalji ta' Kuntatt**

Indirizz

*Numru / Isem tad-Dar* * ____________________ *Lokalità* * ____________________

*Triq* * ____________________ *Kodiċi Postali** ____________________

## Tfal taħt is-16-il sena fil-kustodja tiegħek u li għalihom qed issir it-talba

| Isem u Kunjom | Data tat-Twelid *(ĠĠ/XX/SSSS)* | Għandek Kustodja? Iva | Għandek Kustodja? Le |
|---|---|---|---|
| | | ☐ | ☐ |
| | | ☐ | ☐ |
| | | ☐ | ☐ |
| | | ☐ | ☐ |
| | | ☐ | ☐ |
| | | ☐ | ☐ |

## Tfal bejn is-16 u l-21 sena fil-kustodja tiegħek li qed jirreġistraw għax-xogħol għall-ewwel darba

| Isem u Kunjom | Data tat-Twelid *(ĠĠ/XX/SSSS)* | Għandek Kustodja? | |
|---|---|---|---|
| | | Iva | Le |
| | | ☐ | ☐ |
| | | ☐ | ☐ |
| | | ☐ | ☐ |
| | | ☐ | ☐ |
| | | ☐ | ☐ |
| | | ☐ | ☐ |
| | | ☐ | ☐ |

## Dikjarazzjoni tal-Kap tal-Istituzzjoni Edukattiva

Fir-rigward ta' tfal bejn is-16 u l-21 sena li qed jattendu istituzzjoni edukattiva *full-time*

Nikkonferma li

Isem ______________________ Kunjom ______________________ B'effett minn _ _ / _ _ / _ _ _ _

qiegħed / qiegħda j/tattendi programm edukattiv fuq bażi *full-time* u l-ebda form ta' rimunerazzjoni ma qiegħda tiġi mħallsa lilu / lilha.

______________________________

Firma tal-Kap tal-Istituzzjoni

*Timbru (Istituzzjoni Edukattiva)*

## Dikjarazzjoni ta' Dħul *(Ehmeż id-dokumenti rispettivi)* 2015

| | Kap tal-Familja Dħul (€) | Konjuġi / Sieħeb / Sieħba Dħul (€) |
|---|---|---|
| *Full-Time* FS3 / Kontijiet (Rendikont) tal-Qligħ u t-Telf / Kontijiet (Rendikont) Finali Verifikati / Memorandum u Artikli | | |
| *Part-Time FS3* / Kontijiet (Rendikont) tal-Qligħ u t-Telf | | |
| Kirjiet, Ċnus, Qbiela | | |
| Privileġġi jew dħul iehor simili inkluż kull forma ta' annwalità jew manteniment | | |
| Dħul iehor mhux imsemmi hawn fuq (tinkludix interessi minn banek lokali)<br>L-aħħar *slip* ta' pensjoni (mhux applikabbli jekk tirċievi Pensjoni tas-Sigurtà Soċjali, Pensjoni tat-Teżor, jew Pensjoni tas-Servizz) | | |

**Immarka (✓) l-kaxxa applikabbli u ehmeż id-dokumenti neċessarji jekk kellek / kellkom:**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| ☐ | Bidu / Tmiem fl-impjieg (Kap tal-Familja) | Data meta beda / ntemm l-impjieg | | | _ _ / _ _ / _ _ _ _ |
| ☐ | Bidu / Tmiem fl-impjieg (Konjuġi / Sieħeb / Sieħba) | Data meta beda / ntemm l-impjieg | | | _ _ / _ _ / _ _ _ _ |
| ☐ | Perjodu ta' *Leave* tal-Ġenituri (Mhux *Leave* tal-Maternità) (Kap tal-Familja) (Dokument mingħand l-imgħallem li juri l-perjodu *Leave* tal-Ġenituri) | Minn | _ _ / _ _ / _ _ _ _ | Sa | _ _ / _ _ / _ _ _ _ |
| ☐ | Perjodu ta' *Leave* tal-Ġenituri (Mhux *Leave* tal-Maternità) (Konjuġi / Sieħeb / Sieħba) (Dokument mingħand l-imgħallem li juri l-perjodu *Leave* tal-Ġenituri) | Minn | _ _ / _ _ / _ _ _ _ | Sa | _ _ / _ _ / _ _ _ _ |
| ☐ | Perjodu ta' residenza barra minn Malta għal aktar minn 3 xhur (Kap tal-Familja) (Kopja ta' Passaport li jindika l-perjodu ta' residenza barra minn Malta) | Minn | _ _ / _ _ / _ _ _ _ | Sa | _ _ / _ _ / _ _ _ _ |
| ☐ | Perjodu ta' residenza barra minn Malta għal aktar minn 3 xhur (Konjuġi / Sieħeb / Sieħba) (Kopja ta' Passaport li jindika l-perjodu ta' residenza barra minn Malta) | Minn | _ _ / _ _ / _ _ _ _ | Sa | _ _ / _ _ / _ _ _ _ |
| ☐ | Separazzjoni / Żwieġ / Divorzju / Unjoni Ċivili (Kap tal-Familja) (Kuntratt / Digriet ta' Separazzjoni) | Data | _ _ / _ _ / _ _ _ _ | | |
| ☐ | Separazzjoni / Żwieġ / Divorzju / Unjoni Ċivili (Konjuġi / Sieħeb / Sieħba) (Kuntratt / Digriet ta' Separazzjoni) | Data | _ _ / _ _ / _ _ _ _ | | |

**Importanti li mal-applikazzjoni jiġu mehmuża kopji tad-dokumenti meħtieġa kif indikat f'paġna 6**

## Dettalji dwar il-Kont tal-Bank

Għandek mandat ta' sekwestru fuq kontijiet? * ☐ Iva ☐ Le

*Jekk għandek mandat ta' sekwestru, ipprovdi dokument uffiċjali u l-pagament isir permezz ta' ċekk. Jekk m'għandekx mandat ta' sekwestru, ipprovdi d-dettalji tal-bank.*

*L-Allowance għandha tiġi ddepożitata l-Bank f'kont ta' Tfaddil jew Kurrenti imma mhux f'kont ta' self. Il-kont indikat għandu jkun f'isem il-benefiċjarju/a.*

Bank: ______________________________

IBAN: | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

Daħħal in-Numru tal-Mowbajl għal notifika ta' SMS rigward il-pagament ______________________________

***IMPORTANTI**: Kull applikazzjoni għall-benefiċċju trid issir fi żmien sitt (6) xhur kif stipulat skont il-liġi u jekk dan ma jsirx jista' jintilef id-dritt għall-benefiċċju kollu jew parti minnu.*

## Dettalji tal-Impjieg u/jew Residenza barra minn Malta [1]

Xi ħadd mill-**Ġenituri** huwa / hija / huma impjegat/a/i barra minn Malta? * ☐ Iva ☐ Le

Xi ħadd mill-**Membri tal-Familja** huwa / hija / huma residenti barra minn Malta? * ☐ Iva ☐ Le

Jekk it-tweġiba tiegħek hija **Iva** għal **tal-anqas waħda mill-mistoqsijiet t'hawn fuq**, jekk jogħġbok imla d-dettalji t'hawn taħt, ukoll jekk jogħġbok imla d-**Dikjarazzjoni** f'paġna **5**.

Jekk **Le**, jekk jogħġbok imla d-**Dikjarazzjoni** f'paġna **5**.

| | Kap tal-Familja | Konjuġi / Sieħeb / Sieħba |
|---|---|---|
| **Nru tal-Karta tal-Identità** | | |
| **Impjegat/a jew residenti barra minn Malta?** | ☐ Iva ☐ Le | ☐ Iva ☐ Le |
| **Jekk Iva, imla l-informazzjoni t'hawn taħt:** | | |
| **Indirizz** | | |
| | | |
| **Pajjiż fejn taħdem (jekk applikabbli)** | | |
| **Pajjiż fejn tħallas il-kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali:** | | |
| **Nru tas-Sigurtà Soċjali** | | |

| Tfal li jgħixu barra minn Malta | |
|---|---|
| **Isem** | |
| **Indirizz** | |
| | |
| **Isem** | |
| **Indirizz** | |
| | |

It-Tfal huma bejn l-età ta' 16 u 21 sena u qegħdin jattendu Istituzzjoni Edukattiva *full-time*? ☐ Iva ☐ Le

[1] **Dawn id-dettalji huma meħtieġa biex jiġu applikati r-regoli neċessarji ta' koordinazzjoni kif imniżżla f'Titolu III Kapitlu 8 tar-Regolamenti (EC) Nru. 883/2004 u 987/2009, u jkun żgurat li l-ammont korrett ta' benefiċċju u suppliment jitħallas jekk il-familja tkun qiegħda taħdem/residenti f'aktar minn Stat Membru wieħed tal-UE.**

**Dikjarazzjoni**

- Niddikjara/w li sa fejn naf/u jien/aħna, it-tagħrif li tajt/tajna hawn fuq hu kollu minnu, komplet u korrett. Naf/u li jekk nagħti/u informazzjoni falza, nista'/nistgħu neħel/neħlu l-pieni li tipprovdi l-Liġi u wkoll nitlef/nitilfu d-dritt għall-għajnuna skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318)
- Nawtorizza/w lid-Direttur Ġenerali (Sigurtà Soċjali) sabiex fejn jeħtieġ, jagħmel l-investigazzjonijiet neċessarji dwar id-dħul tiegħi/tagħna għall-fini tal-għoti ta' dan il-benefiċċju.
- Nobbliga/w ruħi/ruħna li ninforma/w minnufih lid-Direttur Ġenerali (Sigurtà Soċjali) b'kull tibdil fiċ-ċirkustanzi li jidhru f'din it-talba. Jekk fi żmien sitt (6) xhur, nonqos/nonqsu li nagħmel/nagħmlu dan, nista'/nistgħu nitlef/nitilfu id-dritt għall-benefiċċju kollu jew parti minnu.
- Nifhem/Nifhmu li jekk, għal xi raġuni jew oħra, jinstab li jien/aħna ma kellix/kellniex dritt għall-*Allowance* tat-Tfal, ikolli/ikollna nirrifondi/u l-ħlasijiet kollha li nkun/u irċevejt/irċevejna.

| | |
|---|---|
| ______________________________ | ______________________________ |
| Isem u Kunjom (Kap tal-Familja) | Isem u Kunjom (Konjuġi / Sieħeb / Sieħba) |
| ______________________________ | ______________________________ |
| Numru tal-Karta tal-Identità | Numru tal-Karta tal-Identità |
| ______________________________ | ______________________________ |
| Firma | Firma |
| ______________________________ | |
| Data | |

**Dikjarazzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data**

Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jżomm dik l-informazzjoni kollha li hija relevanti biex jagħti s-servizzi meħtieġa lil dawk il-persuni li jikkwalifikaw għal xi assistenza, benefiċċju jew pensjoni mhux kontributorja, skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318). Id-Dipartiment jista' jivverifika l-informazzjoni li inti ssottomettejt kif jipprovdi l-artiklu 133 (b) tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali sabiex jiżgura l-eżattezza fir-rigward tat-talba. Id-data personali tista' tingħata lil dipartimenti jew terzi partijiet, li jistgħu jkollhom aċċess għad-data personali tiegħek kif tippermetti l-liġi. Fil-ġlieda kontra u l-prevenzjoni tal-frodi, id-Dipartiment jista' jgħaddi lil istituzzjonijiet barranin ta' benefiċċji, l-informazzjoni personali kif stipulat fi trattati internazzjonali u / jew ftehim bilaterali li Malta tagħmel parti minnhom. Tingħata risposta dwar ir-riżultat tal-applikazzjoni tiegħek wara li din tkun mistħarrġa.

Biex jipproteġi l-privatezza tiegħek, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jittratta l-informazzjoni personali tiegħek skont l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 440). Int tista' tikteb biex tkun taf x'informazzjoni personali għandu dwarek id-Dipartiment, u eventwalment titlob biex l-informazzjoni tiġi korretta jew fejn applikabbli titħassar informazzjoni li mhix korretta, b'referenza għat-talba li għamilt. Din it-talba trid tintbagħat lil "Kontrollur ta' Data Personali" f'dan id-Dipartiment u azzjoni neċessarja tittieħed mill-aktar fis possibbli. Meta tikteb f'dan ir-rigward, jekk jogħġbok niżżel in-numru tal-karta tal-identità tiegħek, in-numru tas-sigurtà soċjali tiegħek, ismek, l-indirizz, u nkludi xi dokumenti oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex nidentifikaw il-każ tiegħek.

**Tagħrif dwar l-*Allowance* tat-Tfal**
Ġenituri li għandhom il-kura u l-kustodja tat-tfal tagħhom jistgħu jiġu intitolati għall-*Allowance* tat-Tfal.

**Min Hu Eliġibbli**
Ġenitur i/tkun intitolat/a għall-*Allowance* tat-Tfal jekk j/tissodisfa dawn il-kriterji:

1. I/Tkun ilu/ha residenti ordinarju/a f'Malta, mill-anqas għal tliet xhur qabel id-data tal-applikazzjoni.
2. Wieħed/Waħda mill-ġenituri jkollu/ha ċittadinanza Maltija, ikollu/ha status ta' refuġjat/a jew ikun ċittadin/a ta' pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea jew taċ-Ċarter Soċjali Ewropew u għandu/ha l-kura u l-kustodja tat-tifel/tifla/tfal.
3. Id-dħul annwali gross tas-sena kif indikat fuq l-applikazzjoni ma jaqbiżx l-€24,833. Jekk id-dħul jaqbeż €24,833 i/tkun intitolat/a għar-rata minima ta' €8.66 fil-ġimgħa għal kull wild. L-ammont imħallas bħala kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali għandu jiġi mnaqqas mid-dħul totali.

**Proċedura**
Formola tal-applikazzjoni tista' tinkiseb mill-Uffiċċju Distrettwali, jew tista' tiġi mniżżla mill-websajt: www.socialsecurity.gov.mt. Wara li timtela għandha tintbagħat lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sa mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tat-twelid tat-tarbija. Il-formola għandha timtela kollha, u fejn hu possibbli, l-applikazzjoni għandha tiġi ffirmata miż-żewġ ġenituri. Tista' wkoll tapplika onlajn minn: www.socialsecurity.gov.mt,

L-*Allowance* titħallas fuq bażi ta' sena li tibda f'Jannar tas-sena u tispiċċa f'Diċembru u tiġi kkalkulata fuq id-dħul gross kollu li jkun inkiseb fis-sena kif indikat fuq l-applikazzjoni. Mid-dħul gross jiġu mnaqqsa l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali mħallsa. Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jagħmel l-investigazzjonijiet neċessarji sabiex jistabbilixxi d-dħul minn sorsi oħrajn li m'hemmx bżonn li jitniżżlu fl-applikazzjoni.

**Dokumenti Necessarji**

1. L-applikant/a għandu/ha j/timla l-formola tal-applikazzjoni tal-*Allowance* tat-Tfal. Din il-formola għandha tiġi ffirmata miż-żewġ ġenituri, fejn dan hu possibbli.
2. Jekk l-applikant/a u/jew sieħeb/sieħba huwa/hija impjegat/a, għandu/ha bżonn l-FS3 tas-sena kif indikat fuq paġna 2 tal-applikazzjoni, iffirmata mill-imgħallem. Jekk l-applikant/a u/jew il-konjugi/sieħeb/sieħba għandhom iktar minn impjieg wieħed, iridu jippreżentaw l-FS3 ta' kull impjieg, kemm dak *part-time* kif ukoll *full-time*. Iridu jippreżentaw ukoll l-aħħar *payslip* tas-sena kurrenti.
3. Jekk l-applikant/a u/jew sieħeb/sieħba j/taħdem għal rasu/ha, għandu jiġi ppreżentat il-Kontijiet tal-Qligħ u t-Telf tas-sena kif indikata fuq l-applikazzjoni. Għandu jiġi ppreżentat ukoll Kontijiet tal-Qligħ u t-Telf mill-bidu tas-sena kurrenti sad-data ta' meta qed issir l-applikazzjoni. Fil-każ ta' diretturi/*shareholders* maġġuri ta' kumpaniji, dawn għandhom jippreżentaw il-Kontijiet Finali Awditjati flimkien mal-Memorandum u l-Artikoli. Ikun hemm bżonn ukoll kopji tal-irċevuti tal-kontribuzzjonijiet tas-sena kif indikat fl-applikazzjoni, f'każ li dawn ġew imħallsa. Jekk il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali ma tħallsux, l-applikazzjoni għandha tintbagħat lid-Dipartiment xorta waħda.
4. Jekk iż-żewġ applikanti ma jaħdmux, trid tiġi ppreżentata dikjarazzjoni ffirmata dwar il-mezzi ta' għajxien.
5. Jekk l-applikant/a u/jew il-konjuġi/sieħeb/sieħba qiegħed/qiegħda fuq *leave* mingħajr ħlas, *leave* tal-ġenituri, għadda/għaddiet minn separazzjoni / divorzju, jew kellu/ha perjodu ta' aktar minn tliet xhur residenti barra minn Malta, għandu/ha j/tippreżenta dokumentazzjoni li turi dan.
6. Jekk il-wild ma kienx irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, irid jiġi ppreżentat ċertifikat tat-twelid.
7. Jekk iż-żwieġ/unjoni ċivili ma sarx f'Malta u ma kienx irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, irid jiġi ppreżentat ċertifikat taż-żwieġ/unjoni ċivili. F'każ ta' koabitazzjoni trid tiġi ppreżentata dikjarazzjoni ffirmata li turi d-data tal-bidu tal-koabitazzjoni.
8. Jekk għext barra minn Malta, trid tiġi pprovduta evidenza tad-data tal wasla tal-membri kollha.
9. Jekk m'intix ċittadin tal-UE jew ta' pajjiż membru taċ-Carter Soċjali, irid jiġi pprovdut permess validu għal Residenza fit-Tul jew ċertifikat ta' Status ta' Refuġjat.
10. Jekk għext barra minn Malta, irid jiġi pprovdut dokument uffiċjali mill-pajjiz fejn kont tgħix, li juri terminazzjoni tal-benefiċċju tat-tfal minn dan l-istess pajjiż.
11. F'każ t'adozzjoni, għandu jiġi pprovdut kuntratt/ċertifikat tal-adozzjoni.
12. Jekk l-applikant huwa ġenitur waħdu/separat u l-missier huwa magħruf, irid jiġi pprovdut dokument ta' ħarsien u kustodja ffirmat miż-żewġ ġenituri.

**Importanti:**
Id-dokumenti pprovduti għandhom ikunu bil-Malti jew bl-Ingliż.

**Kif Jingħata s-Servizz**

Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali javża lill-applikant/a dwar l-eżitu tat-talba. Ladarba t-talba tiġi aċċettata, il-ħlas isir ġo kont bankarju skont kif indikat mill-applikant/a.

**Mistoqsijiet Komuni**

1. **Hemm limitu ta' kemm wieħed/waħda j/tista' j/taqla' sabiex j/tibqa' intitolat/a għall-*Allowance* tat-Tfal?**
   Sabiex wieħed/waħda j/tkun intitolat/a għall-*Allowance* tat-Tfal, id-dħul totali tiegħu/tagħha għas-sena kif indikat fl-applikazzjoni, ma għandux jaqbeż l-€24,833. L-ammont imħallas bħala kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali jiġi mnaqqas mid-dħul totali. F'każ li d-dħul jaqbeż l-ammont indikat aktar 'il fuq, wieħed/waħda j/tkun intitolat/a għar-rata minima ta' €8.66 fil-ġimgħa għal kull wild.
2. **Meta l-applikazzjoni tiġi aċċettata, il-benefiċjarju/a għandu/għandha bżonn j/terġa' j/tapplika għall-*Allowance*?**
   Le. L-*Allowance* tat-Tfal, imbagħad jibqa' jingħata għal 52 ġimgħa u jitħallas bil-quddiem kull tlettax-il ġimgħa.
3. **Kif tiġi kkalkulata r-rata tal-*Allowance* tat-Tfal?**
   L-*Allowance* hija kkalkulata fuq perċentwali tad-differenza bejn €24,833 u d-dħul kif indikat fuq l-applikazzjoni. L-ammont imħallas bħala kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali jiġi mnaqqas mid-dħul totali. Meta d-dħul totali jkun anqas minn €5,568, l-applikant/a i/tkun intitolat/a għar rata massima tal-*Allowance*. L-ebda *allowance* li tingħata ma tista' tkun anqas minn €8.66 fil-ġimgħa jew €450 fis-sena għal kull wild.
4. **X'inhuma l-perċentwali li japplikaw?**
   Il-perċentwali huma 6% għal kull wild u €8.66 f'każ ta' tfal bejn is-16 u l-21 sena li qed jirreġistraw l-ewwel darba jew huma studenti u ma jirċevux stipendju.
5. **X'jiġri meta l-benefiċjarju/a u/jew il-konjuġi/sieħeb/sieħba j/titlef/jitilfu ix-xogħol jew jinbidlulu/ha ċ-ċirkustanzi tiegħu/tagħha?**
   Meta l-benefiċjarju/a u/jew il-konjuġi/sieħeb/sieħba j/titlef/jitilfu ix-xogħol, j/tgħaddi/jgħaddu minn separazzjoni/divorzju, j/tikseb/jiksbu jew j/titlef/jitilfu il-kustodja tat-tfal, jew i/tkun/ikunu fuq *leave* bla ħlas, għandu/ha/hom j/tinforma/jinfurmaw lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex ir-rata tal-*Allowance* tat-Tfal terġa' tiġi kkalkulata fuq id-dħul il-ġdid tal-familja. Biex l-applikant/a ma j/titlifx id-dritt għall-benefiċċju, din l-informazzjoni trid tasal fid-Dipartiment fi żmien sitt xhur mill-bidla fiċ-ċirkustanzi.
6. **Jista' jagħti l-każ li l-*Allowance* tat-Tfal tibqa' tingħata wara li t-tifel/tifla i/tkun għalaq/għalqet is-sittax-il sena?**
   L-*Allowance* tibqa' tingħata fejn hemm tfal bejn is-sittax u l-wieħed u għoxrin sena li għadhom qegħdin jistudjaw *full-time* u li ma jirċievu lebda stipendju jew għotja ta' manteniment. L-*Allowance* tingħata wkoll meta l-ulied ikunu qed jirreġistraw għall-ewwel impjieg tagħhom mal-Ewwel Parti tar-Reġistru tal-Impjieg. F'dan il-każ, l-*Allowance* tiġi kkalkulata kif spjegat fir-risposta għall-mistoqsija Nru. 3 u r-rata pagabbli hija ta' €8.66 għal kull wild.
7. **Tfal b'diżabilità huma intitolati għall-*Allowance* tat-Tfal?**
   Tfal b'diżabilità huma intitolati għall-*Allowance* tat-Tfal, kif ukoll għall-*Allowance* tat-Tfal b'Diżabilità. Biex persuna tkun eliġibbli għall-*Allowance* tat-Tfal b'Dizabilità, trid tibgħat applikazzjoni li tista' tinġabar mill-Uffiċċji Distrettwali kollha tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jew tista' tiġi mniżżla mill-websajt: www.socialsecurity.gov.mt. L-applikazzjoni trid tkun iċċertifikata minn tabib/a. Id-Dipartiment jgħaddi din l-applikazzjoni lil Bord Mediku li jistabbilixxi jekk il-persuna hix eliġibbli għall-*Allowance* tat-Tfal b'Diżabilità jew le. Id-Dipartiment jinforma lill-applikant/a tkun xi tkun id-deċiżjoni. L-*Allowance* tat-Tfal b'Diżabilità mhix soġġetta għal eżami tal-mezzi. Għaldaqstant ma jkunx hemm bżonn li tintbagħat dikjarazzjoni dwar id-dħul biex applikant/a j/tirċievi dan il-benefiċċju. Ir-rata tal-*Allowance* tat-Tfal b'Diżabilità hi ta' €20.00 fil-ġimgħa.
8. **Tista' tieħu l-*Allowance* Supplimentari mal-*Allowance* tat-Tfal?**
   Le. Meta familja tkun qed tirċievi l-benefiċċju tal-*Allowance* tat-Tfal ma tistax fl-istess ħin tirċievi l-*Allowance* Supplimentari.

**Livell Ta' Servizz**

Dan il-benefiċċju jgawdi minn livell garantit ta' servizz. Għaldaqstant, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jintrabat li jibgħat l-ewwel ħlas fi żmien erba' ġimgħat minn meta ssir l-applikazzjoni l-ewwel darba. Meta l-applikant/a i/tkun intitolat/a għall-benefiċċju, it-talba tiġi riferuta għall-pagament u l-applikant/a j/tiġi infurmat/a bid-dettalji tal-ħlas. Meta t-talba ma tiġix aċċettata, l-applikant/a j/tiġi infurmat/a xorta waħda.